KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**30/18**

**Minuti tat-tletin (30) Laqgħa tas-sena 2012, li suppost kellha tinżamm nhar it-Tlieta 21 t'Awwissu 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija nżammet nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru, 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużat:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| **Mistiedna:** | Is-Sinj Romina Perici Ferrante | - | Accountant |

***Aġenda:***

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Il-minuti tal-Laqgħat : 22/18 (11/6/2012) b'urġenza, Laqgħa 23/18 (18/6/2012); Laqgħat b'urġenza 24/18, 25/18 u 26/18 (25/6/2012); 27/18 (4/7/2012) u 28/18 (9/7/2012) u Laqgħa 29/18 (23/7/2012) u Laqgħa tal-Lokalita' (20/7/2012).
2. Punti li joħorġu mill-minuti.
3. *Schedule of Payment*.
4. *Financial Indicators June* 2012.
5. Komunikazzjoni mis-Sindku.
6. Ilmenti.
7. Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet fis-5.35 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi beda l-laqgħa bit-talba.

2 Il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa talab għal sospensjoni tal-laqgħa u ħadd ma oġġezzjona.

2.1 ***Ittre dwar il-Laqgħa numru 29 tat-23 ta' Lulju 2012***:

2.1.2 Is-Sur Briffa rrefera għall-ittre datata 8 ta' Settembru 2012 lill-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana bagħat biss, lill-Aġent-Segretarju Eżekuttiv s-Sinj Louise Gusman u kkoppja lill-Viċi Sindku, s-Sur Ronald Briffa, fejn is-Sur Sultana stqarr li :

2.1.3 '*A bazi ta dak li kienu qaluli propju dakinhar tat-23 ta' Lulju, il-laqgha ma kienetx giet ezawrita u ghaldaqstant jekk dan mhux minnu qed nitlob lil Vici Sindku s-Sur Ronald Briffa, jaghmel written statement ghax kien hu li qalli li l-laqgha ta dakinhar ma setghetx titkompla u ghalhekk spiccat bla kworum.*

*Dan gara, ghax kif spjegali hu, wara li hrigt mill-laqgha jien, hargu ukoll il-Kunsilliera Edwin Formosa u Mariella Micallef u ghaldaqstant il-Kunsill spicca bi tlett kunsilliera biss (inkluz is-Sindku).*

*Fin-nuqqas ta dan personalment ma nistax naqbel lanqas mal-minuti tal-imsemmija laqgha.'*

2.1.4 Is-Sur Briffa qara ittra b'risposta bid-data 10 ta' Settembru 2012 fejn irrefera ghall-Laqgħa tal-Kunsill li ssejħet fit-23 ta' Lulju 2012 u spjega l-fatt li huwa kien preżenti waqt din l-imsemmija laqgħa u f'xi ħin is-Sur Sultana talab biex jiġi skużat. Wara li tkompliet il-laqgħa bil-Kunsillieri preżenti li, kienu s-Sindku s-Sur Anastasi, huwa, l-Vici Sindku, u l-Kunsillieri s-Sinj Mariella Micallef, is-Sur Charles Camilleri u s-Sur Edwin Formosa, u l-laqgħa ġiet eżawrita, s-Sur Anastasi u s-Sur Briffa marru biex jaraw il-vara ta' Santa Venera. Hemmhekk iltaqgħu mas-Sur Sultana fejn is-Sur Sultana avviċina lis-Sur Briffa u staqsieh kif baqgħu. Is-Sur Briffa rrefera għall-ittra bħala tweġiba għall-ittre tas-Sur Sultana.

2.1.5 Hawnhekk is-Sindku spjega li dak inhar tal-Laqgħa tat-23 ta' Lulju 2012, kieku ma kienx hemm nieqes il-Kunsillier Cleaven C. Bugeja, kienu jkunu *in full force*. Is-Sur Anastasi stqarr li l-laqgħa bdiet ftit wara l-5.30 ta' filgħaxija u, f'xi ftit ħin wara, is-Sur Sultana qam minn postu u qal li kien sejjer jara l-vara ħierġa. Wara li telaq, il-laqgħa tkompliet. Is-Sindku ndika li kollha kienu baqgħu għal-laqgħa ħlief għas-Sur Sultana.

2.1.6 Is-Sur Camilleri staqsa fuq x'hiex kienu qed jidħaddtu. Is-Sindku intebaħ li mhux il-Kunsillieri kollha kienu rċievu l-ittre li bagħat is-Sur Sultana u għalhekk, spjega x'ġara. Is-Sindku spjega l-fatt lis-Sur Sultana ħaseb li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kompliet il-laqgħa meta ma kienx hemm kworum. Is-Sur Anastasi rrimarka li anki s-Sur Edwin Formosa kien għadu preżenti wara li telaq is-Sur Sultana. Huwa kompla jistqarr lis-Sur Formosa telaq f'xi 7 ta' filgħaxija u l-kumplament tal-Kunsillieri - li kienu erbgħa (4), telqu għas-7.35/7.40 ta' filghaxija. Is-Sur Anastasi kompla jgħid lil-laqgħa ġiet eżawrita wara li s-Sur Sultana li kien ippropona l-Mozzjoni u s-Sur Edwin Formosa li ssekkondaha ma kienux hemm għax telqu u, l-mozzjoni kellha tiġi rtirata.

2.1.7 Hawnhekk is-Sinj Micallef staqsiet x'inhu l-punt ta' dan kollu?

2.1.8 Is-Sindku kompla li wara li spiċċat il-laqgħa mar mal-Viċi Sindku biex jaraw il-Vara ħierġa u, ħdejn il-Playground ta' Ġuze Flores, raw lis-Sur Sultana ġej mal-marċ. Is-Sur Anastasi kompla lis-Sur Sultana dar fuq is-Sur Briffa u qallu bid-daħka, 'hawn Pulċinell, mela int hawn qiegħed?'. Is-Sur Sultana staqsieh kif baqgħu u l-Viċi Sindku qallu li l-laqgħa saret. Is-Sindku qal li ma jafx x'kien l-iskop u li ma jistax jifhem. Is-

Sindku qal li probabbli s-Sur Sultana ħaseb lil-laqgħa ma tkomplitx u, li meta telaq hu telaq kulħadd.

2.1.9 L-ASE qalet li hija rċeviet mis-Sur Sultana u wara mill-Monitoring Unit jekk il-laqgħa kienetx ġiet eżawrita u hija kienet weġbithom fil-pożittiv. Fil-fatt is-Sibt li għadda l-Kunsillier Sultana Stephen bagħat l-ittre. Is-Sur Sultana wkoll kien talabha jekk l-Aġenda ta' din il-laqgħa kienetx eżawrita u hija nfurmatu fil-pożittiv. Huwa kien ħaseb li wara li telaq hu, l-laqgha ma tkomplietx imma, fil-fatt kien hemm kworum u l-laqgħa mhux talli tkompliet imma li ġiet eżawrita.

2.1.10 Is-Sur Sultana talab lis-Sur Ronald Briffa biex jagħmel dikjarazzjoni li l-laqgħa vera tkompliet.

2.1.11 Is-Sur Camilleri staqsa għalfejn is-Sur Sultana bagħat l-ittre lir-Ronald u mhux lis-Sindku u, s-Sur Briffa wieġeb għax is-Sur Sultana kien tkellem miegħu dak inhar. Hawnhekk is-Sur Ronald Briffa ssottometta l-ittra bi stqarrija li l-laqgħa vera tkompliet u ġiet eżawrita.

3 Qari u approvazzjoni tal-Minuti:

3.1 ***Laqgħa tal-Lokalita' 20 ta' Lulju 2012***

3.1.1 Hawnhekk is-Sindku talab li skont il-liġi kien imiss li jaraw il-minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' allavolja ma kienetx it-tema li jmiss fl-Aġenda. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi oġġezzjoni u ħadd ma wieġeb il-kontra.

3.1.2 Is-Sindku ressaq dawn il-korrezzjonijiet: paġna 2 punt 1.1 biex iżżid 'u tistennina' wara il-kelma tiftħilna; punt 4.4 it-tieni linja aqta', biex tinqata 'peress li' u s-sentenza tibda b'Sadanittant; linja 5 biex iżżid 'tad'-drenagg; linja 9 – biex jitneħħew 'wara li tnaddfu' u minflok tagħmel 'kellhom jitnaddfu u kieku ma saritx din l-operazzjoni delikata u mportanti; punt 4.6 paġna 4 biex izzid 'b'xejn' wara ser tingħatha; punt 4.7 'jitħawlu wkoll' issir 'qed jitħawlu'; punt 4.14 għax emmen li 'kienet' tiġi 'kieku setgħet'; punt 4.16 biex iżżid 'l-ebda' wara m'għandu; punt 4.18 daħlu 'jwerżqu' u wara Apap Bologna iżżid 'informa lis-Sur Anastasi'; 4.19 u ssir inkjesta u iżżid 'li minnha setgħet toħroġ l-istima' u aqta 'l-pulizija stess'; ħareġ l-akkuża fuq u iżżid 'it-tkissir tal-plattin biss'. Punt 4.20 'Sur Casha' trid issir 'hu'. Punt 4.28 tal-Kappillan 'li' issir 'meta'. Punt 4.31 Is-Sur Scerri staqsa 'mnejn sa fejn' minflok 'għalfejn'. Punt 4.32 ser jipproponi 'biex' minflok 'li'; punt 4.33.1 is-Sur Edwin Formosa '10/26' minflok '??/26'.

3.2 ***Punti mressqa mill-minuti:***

3.2.1 Punt 4.30: Is-Sur Scerri kien qed jirreferi għall-laqgħat Pubbliċi dwar Misraħ Santa Venera.

4 Is-Sindku talab lil-Kunsill biex imorru għax-*Schedule of Payment*. Kullħadd qabel mal-proposta.

4.1 ***Schedule of Payment***

4.1.1 Is-Sur Cleaven Bugeja talab għal spjegazzjoni tal-pagamenti numru 204 (Tal-Perit Med Developers); 209 (*maintenance* fuq *air conditioners* u ħriet fil-Ġonna Romeo Romano u ta' Casa Leoni u 214 (kont imħallas lill-MEPA minħabba Misraħ Santa Venera). Dawn inqraw u *gew* spjegati mill-ASE. Is-Sur Bugeja talab spjegazzjoni fuq il-kont ta' Misraħ Santa Venera. Is-Sindku wieġeb li din ir-risposta ser jagħtiha izjed tard waqt il-laqgħa.

4.1.2 Is-Sindku qal li kull ma jsir irid isir mill-Kunsill, imma xi kontijiet iridu jitħallsu mill-amministrazzjoni peress li ma jkunux jistgħu jistennew il-laqgħa li jkun imiss, bħal kontijiet tad-dawl, applikazzjoni għall-MEPA (li trid titħallas minn qabel), bħal xiri ta' kompjuters, siġġijiet tal-iskrivani u għall-ASE. Jekk dawn l-impjegati ma jkollhomx siġġu ma jistgħux jistennew sal-laqgħa li jkun jmiss.

4.1.3 Ix-Schedule of Payment ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, mill-Kunsillieri, u mill-ASE.

5 ***Laqgħa 22/18 bid-data 11 ta' Ġunju 2012***

5.1 Ma kienx hemm la korrezzjoni u lanqas punti mressqa mill-minuti. Il-minuti ġew approvati nem con.

6 ***Laqgħa 23/18 id-data 18 ta' Ġunju 2012***

6.1 Ma kienx hemm korrezzjoni tal-minuti.

6.2 ***Punti mressqa mill-minuti: Punt 8.2.1***

6.2.1 Is-Sur Anastasi qal lis-Sur Sultana kien irrimarka għall-*lift* sabiex il-Kunsill jkun aċċessibbli. Meta l-ASE talbet għall-kwotazzjonijiet, ġew 2 rappreżentanti fuq il-post fejn issuġġerixxew li hemm bżonn ta' 3 liftijiet u li kien hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni fuq liema huwa l-aħjar metodu. Ħadd minnhom ma seta' jagħti stima.

6.2.2 Is-Sindku żied jgħid li fuq il-laqgħa li għaddiet sar ftehim li jmorru għall-post aċċessibbli u mhux jonfqu dawn l-eluf kollha.

6.2.3 Is-Sinj Micallef staqsiet meta ser jibda t-tfittix għal post aċċessibbli.

6.2.4 Is-Sindku wieġeb li huwa diġa' beda jfittex u stieden lill-Kunsillieri biex anki huma jfittxu u jaraw isibux xi post aċċessibbli. Is-Sur Anastasi enfasizza li kulħadd jaqbel li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għandu jkun aċċessibbli għal kulħadd. Fuq id-devoluzzjoni, s-Sur Anastasi fakkarhom li diġa' ftehmu li se jinħareġ t-*tender*. Is-*Sindku* ssuġġerixxa li t-*tenders* joħorġu kollha f'daqqa.

6.2.5 Is-Sur Camilleri qal li rigward id-devoluzzjoni hemm 3 snin sakemm tibni.

7 Is-Sur Sindku talab biex jissosspendu l-laqgħa sabiex jiddiskutu l-*Financial Indicators* ta' Ġunju 2012 peress li kienet wasslet l-Accountant is-Sinj Romina Perici Ferrante.

7.1 ***Financial Indicators***

7.1.1 L-Accountant bdiet tispjega s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għat-tieni perjodu sa Ġunju 2012. Hija nfurmat lis-Sindku u lill-Kunsillieri preżenti li l-*Financial Indicator* qiegħed tajjeb ħafna 61.48%. Dħul totali €219,438 u nfiq totali € 195,664. Dħul annwali mill-Gvern huwa ta' €190, 884. Irreferu għall-kont tal-kuntrattur tad-dawl fejn diġa' intefqu €5690 u fejn il-baġit għal din is-sena huwa ta' € 8000. Hawnhekk is-Sindku sostna li nefqu ħafna flus fuq id-dawl tat-toroq u l-Kunsill Lokali mhuwiex moqdi kif suppost mill-Kuntrattur. Is-Sinj Perici Ferrante qalet li l-*opening balance* huwa għoli peress li għadhom ma tħallsux l-ispejjeż tat-toroq tal-PPP project. *Available funds*: € 234, 706.

7.1.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill tħajjar għal devoluzzjoni jew xiri ta' post adatt għall-Kunsill Lokali u staqsa jekk bħala Kunsill jistgħux jieħdu loan fuq il-post stess. Huwa ser jitlob lid-Dipartiment fuq din.

7.1.3 L-*Accountant* qablet mas-Sindku li minflok jonfqu l-flus fuq renta jonfquhom fuq *repayment* ta' *loan*.

7.1.4 Is-Sindku qal li huwa fil-fatt qiegħed jistenna risposta mit-TM peress li kellna xi ħsarat fi Triq il-Kbira San Ġuzepp u Triq San Ġorġ u l-Kunsill kiteb lit-TM biex jgħina minħabba li l-Kunsill m'għandux baġit għall-ħsarat li jinqalgħu bil-maltemp. Is-Sinj Perici Ferrante qalet li l-Kunsill għandu baġit ta' €3800 fuq ir-*road and street maintenance* u €2500 għall-*materials and supplies*. Hija rreferiet għas-somma ta' €3500 li kienu għall-*bring in sites* u dawn jistgħu jintefqu fuq xi ħaġa oħra. Is-Sindku qal li l-flus qegħdin hemm għat-toroq. Meta ssir Misraħ il-Barrieri, din ser tiswa daqs l-4 l-oħra. Is-Sur Camilleri qal li huwa kien wieħed minn ta' l-ewwel li jgħid biex jiddejjen fuq id-*Day Centre*.

7.1.4 Is-Sindku għadda l-*Financial Indicators* għall-approvazzjoni. Ma kien hemm ħadd kontra u ġiet approvat b'6 favur. Il-*Financial Indicators* ġew approvati *nem con*. Is-Sindku rringrazzja lis-Sinj Perici Ferrante.

***8 Tkomplija tal-qari u approvazzjoni tal-minuti:***

***8.1 Laqgħa b'urġenza 24/18 bid-data 25 ta' Ġunju 2012 – Financial Indicators ta' Marzu 2012***

8.1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni u lanqas punti mressqa mill-minuti. Il-minuti ġew approvati *nem con*.

***8.2 Laqgħa b'urġenza 25/18 bid-data 25 ta' Ġunju 2012 – Pjan ta' Ħidma***

8.2.1 Ma kienx hemm korrezzjoni u lanqas punti mressqa mill-minuti. Il-minuti ġew approvati *nem con*.

***8.3 Laqgħa b'urġenza 26/18 bid-data 25 ta' Ġunju 2012 – Deċiżjoni dwar l-attendenza …***

8.3.1 Ma kienx hemm korrezzjoni u lanqas punti mressqa mill-minuti. Il-minuti ġew approvati *nem con*.

***8.4 Laqgħa b'urġenza 27/18 bid-data 4 ta' Lulju 2012 – Mozzjoni Xogħolijiet fit-Toroq Braille, Misrah Santa Venera u f'Misraħ il-Barrieri.***

8.4.1 Ma kienx hemm korrezzjoni u lanqas punti mressqa mill-minuti. Il-minuti ġew approvati *nem con.*

8.4.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li dwar il-laqgħat tal-Kunsill Lokali huma kienu qablu li ir-rassenja tkun kif inhi u li waqt il-laqgħat ma joqgħodux jgħidu fil-bidu dwar il-għala Kunsillier huwa skużat/assenti. Din hija mportanti biex ma joqgħodux jgħiduha kull darba li tibda laqgħa.

***8.5 Laqgħa b'urġenza 28/18 bid-data 9 ta' Lulju 2012 – Il-Festa Titulari ta' Santa Venera.***

8.5.1 Ma kienx hemm korrezzjoni u lanqas punti mressqa mill-minuti. Il-minuti ġew approvati *nem con.*

***8.6 Laqgħa 29/18 bid-data 23 ta' Lulju 2012***

*8.6.1* ***Korrezzjonijiet:***
Punt 4.1.1 – it-3 linja – jilgħalmu biex tiġi jitgħallmu
Punt 4.2.1 – l-1 linja – wara Teżorier biex iżżid 'tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Venera 1964'.
Punt 4.3.1 – l-1 linja – wara patt biex iżżid 'u kundizzjoni'

8.6.2 ***Punti imressqa mill-minuti:***

8.6.2.1 Punt 4.10 dwar ir-rikjesta ta' rampa mis-Sinj Marie Mifsud: Is-Sindku spjega li kemm huwa kif ukoll l-ASE marru fuq il-post biex jaraw is-sitwazzjoni. Ir-rampa tal-ġara tas-Sinj Mifsud kienet saritilha rampa mal-bieb tal-garaxx u saret rampa taħt il-bankina. Il-Kunsill sadanittant għamel il-kaxxa s-safra quddiem ir-residenta Mifsud u peress li s-Sindku spjega li l-Kunsill bħalissa, ma kellux ħaddiema biex jagħmlu r-rampa, missier is-Sinj. Mifsud offra li jagħmel ir-rampa huwa u jaqta' pulit il-madum ezistenti u ikompli r-rampa imma jagħmilha skont is-sengħa. Is-Sur Anastasi spjega lis-Sur Mifsud li jekk ma ssirx tajba jkollu jerġa' jaqla' u jekk tkun tajba ma jkollu l-ebda dritt fuqha għax tkun tal-Kunsill u s-Sur Mifsud qabel. Is-Sindku kompla li quddiem dan il-garaxx, quddiem il-każin tal-Banda 'l ġdid u ftit aktar 'l isfel il-madum għandu ħafna ħsara. Rigward il-madum li tkisser fejn il-kazin l-ASE kellha tara minn kien il-kuntrattur li kisser dan il-madum u tibgħat għalih

8.6.2.2 Punt 4.11 dwar kuntratti u *tenders* :Is-Sindku spjega li aħjar li l-Kunsill joħrog it-*tenders* f'daqqa u jkunu rridu jagħtu xahar ċans qabel ma tagħlaq it-*tender*. Importanti li jiġi nkluż it-*tender* tad-*Day Centre* ukoll. It-*tenders* isiru f'Settembru u tagħti ċans xahar s'Ottubru.

8.6.2.3 Is-Sinj Micallef qalet li l-problema hija li diġa' qegħdin tard.

8.6.2.4 Is-Sindku qal li xorta waħda hemm bżonn li nkellmu lill-proprietarju biex naraw f'hiex qegħdin rigward id-*Day Centre*.

8.6.2.5 Is-Sinj Micallef qalet li aħjar nitolbuh biex jagħtihulna għal sena oħra.

8.6.2.6 Is-Sur Camilleri ssuġġerixxa li jekk ma jagħtihx għal sena oħra, jipprovaw jikru garaxx iehor.

8.6.2.7 Is-Sindku stqarr li din hemm bżonn li jitħaddtuha sew.

8.6.2.8 Is-Sinj Micallef ssuġġerit li l-Kunsill jiltaqa' mad-Direttur biex taċċetta għal sena u forsi jidħol il-Gvern u jħallsilna huwa stess.

8.6.2.9 Is-Sindku qal li probabbli jgħolli l-kera minħabba f'hekk. Jekk jgħaġġlu, s-sid ikun fuq l-*alert* u xorta waħda jridu jmorru għal *Tender* u b'hekk kullħadd ikun fl-istess livell.

8.6.2.10 Is-Sur Formosa qal li l-Kunsill irid joqgħod attent meta jagħmel il-kuntratt biex jara meta titħallas il-kera.

8.6.2.11 Fuq it-*tenders* l-oħra s-Sur Anatasi semma li tal-Ġonna jibqa' l-istess bħal li diġa' kellhom. Irid jinħareġ it-*tender* il-ġdid għall-*Accountant, Opening and Closing* tal-Ġonna eċċ. Dwar il-Latrina s-Sindku ppropona li fit-*Tender* jiddaħħal li min jieħu t-*tender* irid iħallas il-kont tad-dawl u l-ilma. Jekk imbagħad ma japplika ħadd, jerġa' jinfetaħ *tender* ġdid. It-*Tenders* iridu jkopru 3 snin. Il-proposta ġiet issekondata mis-Sinj Micallef.

8.6.2.12 Fuq manteniment dak xorta waħda jieħu ħsiebu l-Kunsill. Mela bħala *tenders* il-Kunsill ser joħroġ dawn:

Ġonna u *Soft Areas*
*Accountant*
Trasport għad-*Day Centre*
*Maintenance, Signs* u *road markings*
*Bulky refuse*
Knis tat-Toroq (jagħlaq f'Diċembru)
*Day Centre* building/*Local Council administration*
*Opening and Closing of Romeo Romano and Playingfields*

Is-Sindku nforma lil-ASE sabiex tipprepara u toħroġ dawn it-*tenders* kemm jista' jkun malajr.

8.6.2.13 Punt 4.16 *One ways* f'Santa Venera – Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li rċievew l-approvazzjoni mit-TM għal *One ways* ta' Triq San Gorg u Triq Salvinu Spiteri u tal-madwar tal-LiDL. Is-Sinj Micallef staqsiet jekk irċievewx tat-*timed parking* u s-Sindku wieġeb fin-negattiv.

8.6.2.14 Punt 4.17 Ħaddiema tal-IPSL – Is-Sindku spjega fuq it-tħaffir tal-art biex jitwaħħlu l-*bollards* peress li kellu jqabbad kuntrattur għal Triq Braille biex jagħmlu s-sinjali tat-triq u biex fi Triq il-Kbira San Gużepp minħabba il-*bollards* tal-Festa Titolari. Huwa semma' wkoll li bħalissa il-Kunsill għandu xi nies mill-*Community Scheme* tal-ETC fejn qiegħdin jagħmlu xogħol siewi fil-Ġonna ta' ma' Casa Leoni inkluż, dawk ta' Romeo Romano. Peress li dan ix-xogħol qiegħed isir mill-ETC, ser jitwaħħlu xi tabelli dwar dan.

## *9 Kommunikazzjoni tas-Sindku*

9.1 ***Żbir tas-siġar tat-Triq il-Kbira San Guzepp***

9.1.2 Is-Sindku spjega lill-Kunsillieri li wasal iż-żmien biex jiżbru s-siġar tat-Triq il-Kbira San Ġużepp u li l-Kunsill ma jistax jonfoq iżjed minn €1164 għax tkun *Direct Order*. Is-Sena l-oħra kienu żabruhom l-Għaqda tan-Nar. Din is-sena avviċinatu persuna li xtaqet tibqa' anonima, biex f'isem il-Patrijiet Karmelitani tal-Knisja l-Antika jiżbruhom xi voluntieri. Dil-persuna żiedet li kienet lestha tiżbor xi ftit siġar oħra.

9.2 ***L-ittra ta' Francis Busuttil & Sons Ltd***

9.2.2 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li l-Kunsill irċieva ittre fejn is-Sur Busuttil kien talab għal appuntament mas-Sindku fit-2011 u kienet indirizzata lill-eks ASE is-Sur JM Formosa u li ma kienx ħa azzjoni fuqha. Is-Sindku żied jgħid li dan l-aħħar kien qed isiru xi ċitazzjonijiet dwar il-*containers* ta' ħdejn Francis Busuttil & Sons Ltd . Is-Sur Anastasi sostna lix-xogħol tal-*Containers* suppost isir f'Ħal Far imma, saħaq li l-Kunsill m'għandux joħnoq in-negozju u l-iżvilupp dment li ma jkunux ta' detriment għar-residenti/ċittadini. Żied jgħid li fi Triq Salvinu Spiteri il-*loading* u *unloading* suppost isir minn ġewwa l-maħżen.

9.2.3 Is-Sinj Micallef qalet li dawn xorta waħda qegħdin iħottu minn barra u s-Sindku qalilha li ghandha d-dmir li tirrappurtahom lill-Pulizija.

9.2.4 Is-Sur Camilleri qal li huwa kien ħa ħsieb petizzjoni biex ma jkunx hemm ħatt ta' *containers* fi Triq Carini imma l-pulizija kienu nfurmawh li hemmhekk għandhom permess biex iħottu .

9.2.5 Is-Sindku ma qabilx u spjega li l-ħatt/tgħabbija tagħhom fit-toroq ta' Santa Venera naqas drastikament u, dan minħabba li jiġu rrappurtati lill-Forzi tal-Ordni meta jabbużaw.

9.2.6 Is-Sindku kompla jitkellem fuq ta' Bandallu u li hu kien mar personalment biex jeħodlu l-invit għal-Laqgħa Pubblika li saret dwar Misraħ Santa Venera f'April 2012. Peress lis-Sur Busuttil ma kienx hemm, is-Sindku ħallih ma mpjegat li qallu lis-Sur Busuttil ma kienx hemm u kien se jieħdu u jagħtih lil tal-uffiċċju tieghu. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li ta' Bandallu talbu għall-appuntament u lis-Sindku ser jiltaqa' miegħu l-gimgha d-dieħla u li minn jixtieq jattendi mill-Kunsillieri jista'. Is-Sindku spjega ukoll dwar il-laqgħa li kellu mas-Supt tal-Pulizija tal-Hamrun dwar dawn il-*containers* u li dawn suppost għandhom permess biss biex iħottu ħdejn il-bankina tal-fabbrika tagħhom biss.

9.3 ***Is-Sigar li jinsabu ħdejn il-BOV fi Triq Pietru Dacoutros***

9.3.1 Is-Sindku spjega li dawn is-siġar li qegħdin maġenb il-bankina kibru ħafna u qed joħolqu problema fid-drenaġġ tat-Triq. Huwa talab lill-ASE sabiex tikteb lid-Dipartiment tal-Agrikoltura biex tieħu l-permess biex jinqalgħu. Kulħadd qabel.

9.4 ***Oġġezzjoni lill-MEPA dwar gate tal-Methode Electronics Ltd***

9.4.1 Is-Sindku spjega lill-Kunsillieri preżenti li qed ikollhom xi lmenti minħabba l-Methode Electronics Ltd. Huwa spjega l-fatt li l-Methode għandhom xi 6 outlets li minnhom joħroġ ħafna ilma f'daqqa meta tagħmel x-xita u din qed taqla t-triq barra li qegħda toħloq inkonvenjent għar-residenti peress li kwantita' kbira tal-ilma qed tidħol fid-djar tagħhom. Huwa qal li waħda mill-*outlets* hija kbira ħafna u kienet b'manka. Is-Sindku qal li jemmen li jistgħu jitolbuhom biex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li qed isir. Is-Sindku qal ukoll li għalissa, l-kumpanija mhijiex ser tingħata permessi biex iħottu *containers* minn dik it-triq. Huwa spjega li jekk ikun hemm *holdup* fil-BOV, u t-triq tkun magħluqa bil-*containers*, jistgħu jmutu n-nies għax ma jkunux jistgħu jidħlu/joħorġu.

9.5 ***Il-Ġieħ***

9.5.1 Is-Sindku indika li xtaq li l-Kunsill jagħmel xi attivitajiet f'Ottubru u f'Novembru, 2012 biex nippreparaw għal Jum Il-Lokalita' u għall-Ġieħ. Huwa ssuġġerixxa li jitħawlu xi siġar fi Triq Il-Kbira San Ġużepp, għall-14 t'Ottubru, 2012, jorganizza t-Tberik tal-Bhejjem u l-*Pets,* u forsi għal Novembru jorganizza wirja tal-klieb u xi logħob eċċ. Is-Sur Anastasi indirizza lill-Kunsillieri sabiex ikun hemm l-involviment tagħhom ukoll u li ma xtaqx jagħmel dawn l-attivitajiet waħdu. Huwa qal li hemm bżonn li jintbgħatu *flyers* fuq l-attivitjiet. Huwa qal li ser żżomm l-Kunsillieri infurmati fuq meta se jinżammu dawn l-attivitajiet.

9.5.2 Is-Sinj Micallef qalet forsi s-siġar isiru minn xi nies u jagħtu donazzjoni.

9.5.3 Is-Sindku wieġeb li huwa qiegħed jipprova għal dik il-gimgha ta' Jum il-Lokal isir xi tħawwil mill-Fondazzjoni Wirt Vendrizi. Semma' wkoll, li għandna nitkellmu m'għaqdiet oħra biex naraw jekk humiex interessati. Huwa qal li l-attivita' tista' ssir l-Erbgħa 14 ta' Novembru u jitħawlu s-siġar dak inhar.

9.5.4 Is-Sur Anastasi qal lill-Ġieħ tas-sena l-oħra inżamm fit-2 ta' Diċembru u s-Sur Camilleri ippropona li din is-sena ma jħalluhiex għat-tard u ssir f'Jum il-Lokal, f'14 ta' Novembru. Is-Sinj Micallef qablet ma dan il-proponiment u, kulħadd qabel.

9.5.5 Is-Sindku qal li meta kien talab għal post għar-*Reception* lil Fr Cucciardi ta' St Elias dan kien talbu jħallas xi €300. Is-Sur Briffa fakkarhom li din id-darba kienu ser jipprovaw jagħmluh fil-foyer ta' Casa Leoni. Is-Sur Camilleri qal li qabel kienet issir mill-patrijiet imma,fi zmien l-eks Sindku s-Sinj Elizabeth Vella l-ikel kien joħorġu l-Kunsill u l-patrijiet jħallsu x-xorb.

9.5.6 Is-Sindku qal li r-*Reception* tal-Ġieħ nipprovaw nagħmluha f'Casa Leoni. Huwa talab lill-ASE biex tikteb lill-Ministru tal-Edukazzjoni u Xogħol biex jaraw jekk jsellfuniex il-*foyer* ta' Casa Leoni; jekk ma jkunux jistgħu, jaraw mad-Dar San Ġużepp jew Dar il-Qalb ta' Ġesu'. Is-Sindku żied jgħid li jaqbel li l-Ġieħ issir f'Jum il-Lokal—f'Jum Santa Venera. Din ser issir f'14 ta' Novembru 2012 filgħaxija u probabbli t-tħawwil tas-siġar isir filgħodu jew wara l-quddiesa qabel ma jmorru għar-riċeviment. Kulħadd qabel.

9.5.7 Rigward l-inviti, is-Sur Camilleri jemmen li l-eks Kunsillieri għandhom ikunu mistiedna imma, s-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-finanzi tal-Kunsill u allura l-inviti ser ikunu limitati. Inqabel li jistiednu li dawk li ħadu l-Ġieħ.

9.5.8 Is-Sinj Micallef qalet li trid taqta' linja x'imkien. Saret diskussjoni fuq minn ser jiġi mistieden u sar qbiel li l-Kunsill joħroġ 60 invit. Għal Ġieħ Santa Venera mhux ser jkunu mistiedna l-Parlamentari. Is-Sindku spjega li jistieden l-eks Kunsillieri jekk ikun hemm biżżejjed inviti. Bħala qal li ser jkun hemm minn għaqdiet, benefatturi u kuntratturi. Is-Sindku *qal li* ser jintbagħat *flyer* lill-Vendrini sabiex jipproponu persuna/i/għaqdiet għal Ġieħ Santa Venera.

9.6 ***Tberik tal-Bhejjem u l-Pets***

9.6.1 Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li għat-tberik tal-Bhejjem u l-Pets u l-attivita' l-oħra ta' Novembru, jmmorrux għal *sponsors*. Huwa staqsa wkoll x'baġit ser jagħmlu u l-qbija tiġi minn *sponsors*. Is-Sur Bugeja qal li s-soltu, x-*show* ma tantx tiġihom flus għax tkun kważi *sponsored* kollha. Is-Sinj Micallef irrimarkat "skont x'baġit għandu l-Kunsill". Is-Sur Bugeja qal li l-aħjar tagħmilha bir-*registration fee* u tħallas *judge*. Il-Kunsillieri preżenti qablu mal-proposta li jħallsu s-somma ta' €300 għall-attivitajiet imsemmija imma jekk ikollhom *sponsors* biżżejjed ma jużawhomx.

9.7 ***Possibilta' ta' Twinning għal Santa Venera***

9.7.1 Is-Sindku ntroduca lis-Sur Briffa sabiex jinforma lill-Kunsillieri preżenti li kien mistieden għal seminar tal-EU f'Locri u sab possibilta' ta' *twinning* għal Santa Venera fejn kienu mistidnin rappreżentanti mill-Italja, Greċja, Belġju u Portugal fost l-ohrajn. Dan ser ikun kollu mħallas mill-EU. Dan il-proġett diġa' ġie deċiż min *network* li nħoloq. Kien hemm opportunita' li jagħżlu pajjiż għall-ġemelaġġ u huwa ppropona li għall-Malta il-lokalita' li tintgħażel tkun Santa Venera. Is-Sur Briffa għandu jgħaddi iżjed dettalji lill-ASE.

9.8 Is Sur Briffa telaq fit-8.10 ta' filgħaxija.

9.9 Is-Sur Charles Camilleri telaq fit-8.11 ta' filgħaxija.

9.10 ***Misraħ Santa Venera***

9.10.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni fuq Misraħ Santa Venera: Huwa nfurma lill-Kunsillieri preżenti għad li l-bażi tal-funtana se tkun hemm mhijex se tinxtara għalissa minħabba finanzi. L-istatwa ta' Santa Venera se tiċċaqqlaq minn fejn kienet mfassla għal parti ta' faċċata ta' Triq Dun Xand Cortis. Minbarra hekk is-sistema tat-traffiku se tkun bil-kontra ta' kif konna preżentajniha. Dan kollu ġara għax il-Perit Audrey Testaferrata de Noto - TM, eseġiet hekk. Is-Sindku poġġa l-pjanta ta' Misraħ Santa Venera fuq il-mejda sabiex ikun jista' jaraha kulħadd. Is-Sur Anastasi fakkar li l-pedestal ser isir mill-Kunsill u se jinbena b'tali mod li fuq wara tiegħu jitpoġġa San Pawl Rieqed. Santa Venera se tkun tħares lejn in-naħa ta' Triq Braille. L-ammont totali tan-nefqa ser tkun ta' xi €142,235.62 (VAT inkluz). Xi €137,000 ser jintalbu mill-UIF u l-kumplament minn dawk ivvutati għat-tarmak fl-iskema tal-PPP.

9.11 ***L-ittre mit-tim ta' Xarabank***.

9.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li rċievew ittre mit-tim ta' Xarabank fejn stiednu l-Kunsilli biex jagħmlu programmi b'differenza fil-lokalitajiet differenti u ser jistiednu lill-Kunsilli Lokali jieħdu sehem *live*. Il-Kunsillieri preżenti qablu li jieħdu sehem. Il-pubbliku jista' jirbaħ rigali u minn ikun preżenti jieħdu magħhom rigali ukoll.

9.12 ***L-ittre mingħand Chris Micallef***

9.12.1 Is-Sur Micallef xtaq jagħmel laqgħa għaż-żgħażagh u s-Sindku offrilu l-kamra tal-Konferenza. Huwa ħassar l-appuntamenti darbtejn peress li z-zgħazagħ ma setgħux jattendu.

9.13 ***Refreshing ta' żebgħa***

9.13.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li jekk ikun hemm bżonn ta' *refreshing* m'hemmx għalfejn joqgħodu jistennew sal-laqgħa li jmiss imma, l-Kunsillieri jistgħu jinfurmaw il-Kunsill ħalli ma ndumux. Huwa infurmahom li bħalissa l-Kunsill għandu ħaddiem wieħed biss tal-IPSL. Is-Sur Anastasi qal li hawn xi ħaddiema tal-ETC li qed jaħdmu fil-Ġonna biss u huwa talab lill-ETC biex issellfu xi nies biex jaħdmu kemm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill kif ukoll, fit-toroq.

9.14 ***Ilmenti:***

9.14.1 Is-Sindku staqsa jekk il-kunsillieri għandhomx ilmenti xi jressqu. Ħadd ma wieġeb u s-Sur Anastasi reġa' staqsihom jekk iridux iressqu xi lmenti jew xi suġġerimenti iżda, l-Kunsillieri wieġbu li ma kellhom xejn.

9.15 ***Permessi għall-familji bi bżonnijiet speċjali:***

9.15.1 Is-Sindku nfurma l-Kunsillieri li żewġ ġenituri, s-Sur Silvio Attard u Sinj Portelli Camilleri talbu permess mill-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jidħlu l-iskola bil-karozza minħabba t-tfal tagħhom. Wara li raw il-każijiet il-Kunsill qabel 'nem con' li jinħarġu l-permess meħtieġa. Is-Sindku rrimarka li dawn se jinħarġu diment li l-pulizija ma t'oġġezzjonax u jieħdu l-prekawzjonijiet kollha.

9.16 ***Portanier Bros Ltd:***

9.16.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsillieri li l-Kunsill kiteb lis-Sur George Portanier. Meta kien kelmu s-Sindku huwa qal li mhu se jagħti xejn lill-Kunsill. Dak in-nhar tal-laqgħa huwa kien il-Kunsill u nfurmana li rċieva l-ittra. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill irċieva talba verbali għall-permess biex il-kumpanija ta' BILOM ittellgħa ċint xi għaxar piedi 'l barra fi Triq Ħal Qormi. Is-Sindku talab li jiktbulna. Fil-fatt, kitbu u l-Kunsill rrefera għat-TM u għall-MEPA biex jingħata gwida.

10 Il-Laqgħa intemmet fis-8.32 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 5 t'Ottubru 2012